A.L. 56 ta' l-2002

ATT DWAR IS-SEKWESTRU U L-KUSTODJA TA' MINURI (KAP. 410)

Ordni ta' l-2002 li jemenda l-Ordni dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 (1) ta' l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin għamel dan l-ordni li ġej:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2002 li jemenda l-Ordni dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, u għandu jiftiehem u jinqara bħala ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-2000 dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali".

A.L. 130 ta' l-2000.

Jemenda l-Iskeda li tinsab ma' l-Ordni prinċipali.

2. Minnufih wara l-pajjiż "Repubblika Slovakka" u d-data ta' Bidu fis-Seħħ "1 ta' Frar, 2001" fl-Iskeda li tinsab ma' l-Ordni prinċipali, għandu jiżdied dan li ġej:–

Pajjiż	Data ta' Bidu fis-Seħħ
"Portugall	1 ta' Jannar, 2002
Awstrija	1 ta' Marzu, 2002
Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq, flimkien mas-segwenti territorji: Bermuda; il-Gżejjer Cayman; il-Gżejjer Falkland; Isle of Man u Montserrat	1 ta' Marzu, 2002".